A.L. 82 ta' l-1994

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (ATT NRU. I TA' L-1992)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41, 42 u 60 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' l-Ippjanar, bil-kunsens tal-Ministru għall-Ambjent u tal-Ministru tal-Finanzi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 6 ta' l-1993.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subparagrafu (5) tal-paragrafu 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(6) L-ogħla Dritt għal Permess ta' Żvilupp li għandu jitħallas għal applikazzjoni magħmula wara l-ħruġ ta' permess parzjali ta' żvilupp ma għandux ikun ta' iktar minn Lm300,000. Meta issir iktar minn applikazzjoni waħda li tkun tirreferi għall-fażi ta' żvilupp separat wara li jinħareġ permess parzjali ta' żvilupp fuq l-istess sit, id-Dritt għal permess ta' Żvilupp li għandu jitħallas dwar dawk l-applikazzjonijiet ma għandux ikun ta' iktar minn Lm300,000 fl-ammont kollu tiegħu.".